MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 66/2004/1

**Paul Caruana**

**v.**

**Rudolphe Gaerty u Global
Executive Search (Malta) Limited (C16725)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Jannar, 2004 l-attur ippremetta illi permezz ta’ skrittura privata datata 16 ta’ Gunju, 1997 (Dok ‘PC1’), konkluza bejn l-attur u l-konvenut, giet ittrasferita ‘in toto’ l-attivita` kummercjali mibdija u avvjata f’Malta mill-istess attur li kienet tikkonsisti fl-Ufficcju Rappresentattiv hawn Malta tas-socjeta` estera M.S.I International gja S.C.I (U.K) Limited li n-natura ta’ l-attivita` taghha hija wahda hekk imsejha bhala ‘head hunting’ u cioe` li tiddentifika kandidati potenzjali ghall-impiegi, *inter alia* u b’mod partikolari, fis-settur bankarju u finanzjarju, u tirranga ghall-impieg ta’ l-istess fis-swieq internazzjonali; illi ai termini ta’ l-istess skrittura privata, il-konvenut kellu jhallas lill-attur rati ta’ kummissjoni skond in-natura u l-origini tal-‘placements’ ta’ impjiegi maghmula, kif jista’ jirrizulta waqt t-trattazzjoni tal-kawza odjerna; illi l-attur gja inizja proceduri quddiem il-Qorti Civili, Prim Awla halli jithallas il-kummissjonijiet dovuti lilu mill-konvenut ai termini ta’ l-istess skrittura privata u dana fit-23 ta’ Frar, 1998 (Cit. Nru: 369/98/JRM) liema kawza tinsab quddiem il-Qorti Civili, Prim Awla sedenti l-Onor. Imhallef Dr. J.R. Micallef iddifferita ghall-20 ta’ April, 2004; illi ai termini tal-imsemmija skrittura l-obbligu tal-konvenut illi jhallas il-kummissjonijiet lill-attur jittermina nhar is-16 ta’ Settembru, 2002 u ghalhekk, il-konvenut ghad baqghalu wkoll ihallas il-kummissjonijiet lill-attur mill-24 ta’ Frar, 1998 sas-16 ta’ Settembru, 2002; ili permezz ta’ ittra datata 14 ta’ Frar, 2000 mibghuta minn MSI International lill-konvenut Rudolphe Gaerty, is-socjeta` MSI International ipprezentat ruhha li kienet qieghedha tittermina l-licenzja moghtija lill-konvenut Rudolphe Gaerty sabiex ghan-nom taghha kif fuq premess (sic); illi minn indagini kondotta mill-attur sussegwentement irrizultalu illi n-negozju kollu ta’ l-MSI International baqa’ kontinwament u ininterrottament u ghadu sad-data tac-citazzjoni odjerna jigi gestit f’Malta taht id-direzzjoni dirett tal-konvenut Rudolphe Gaerty, izda flok fil-kwalita` tieghu, tramite s-socjeta` konvenuta Global Executive Search (Malta) Limited u dwar dan il-konvenut gja inizzja proceduri (Cit. Nru. 345/01 JRM) u dana nhar it-2 ta’ Marzu, 2001; illi ghalhekk certa kummissjonijiet jistghu jkunu dovut minn din is-socjeta` kummercjali konvenuta mit-3 ta’ Marzu,

2001 sad-data ta' l-iskadenza ta' l-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe` is-16 ta' Settembru, 2002; illi ghall-perjodi hawn fuq imsemmija l-attur ma thallasx dak li huwa dovut lilu bhala kummissjonijiet ai termini tal-iskrittura privata hawn fuq imsemmija; illi nonostante illi l-konvenut Rudolphe Gaerty gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru, 2003 debitament innotifikata, l-istess konvenut baqa' inadempjenti; illi jkun opportun kemm minhabba illi l-mertu huwa wiehed indentiku kif ukoll ghall-ekonomija tal-gudizzju illi l-kawza odjerna tinstema' mal-kawza fl-istess ismijiet (Cit. Nru: 369/98/JRM) liema kawza tinsab iddiferita ghall-20 t'April, 2004; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

1. tordna illi l-kawza odjerna tinstemgha flimkien mal-kawza fl-ismijiet "Paul Caruana v Rudolphe Gaerty" (Cit. Nru: 369/98/JRM) iddiferita ghal nhar l-20 ta' April, 2004;
2. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom risponsabbli ghall-hlasijiet ta' dawk il-kummissjonijiet lilu dovuti fuq 'placements' ta' impjiegi maghmula mill-konvneuti jew min minnhom ghall-perjodi hawn fuq indikati;
3. tillikwida l-ammont totali ta' tali hlasijiet u kummissjonijiet hekk dovuti kif fuq premess, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u
4. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom illi jhallsu lill-attur is-somma hekk illikwidata jew ikkomputata.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru, 2003 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni li jgib l-istess ismijiet u bin-Numru 2095/2003, u bl-imghax legali kontra l-konvenut sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-19 ta' Frar 2004 is-socjeta` Global Executive Search (Malta) Limited eccepiet:-

1) Illi t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress illi l-konvenuta esponenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur u stante illi ma hemm l-ebda ness bejn il-konvenuta esponenti u l-attur li taghti lok illi t-talbiet tal-attur jigu milqugha u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponenti.

B'nota ipprezentata fil-5 ta' Awissu, 2004 il-konvenut Rudolphe Gaerty eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili u ghaldaqstant l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur;

2. Illi ukoll in linea preliminari u minghajr rpegudizzju ghas-sueccepit, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante l-fatt li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghaliex il-konvneut Rudolphe Gaerty mhuwiex il-legittimu kontradittur billi oltre l-fatt illi l-attur kellu relazzjoni guridika diretta mas-socjeta` estera MSI International, ai termini ta' artkolu 7.3 tal-ftehim datat 16 ta' Gunju 1997 li fuqu l-attur qieghed jibbaza l-pretensjonijiet tieghu, l-pagament tal-kummissjoni kien direttament dovut mis-socjeta` estera MSI International Limited u ghalhekk l-ebda pagament ma huwa dovut minn Rudolphe Gaerty;

3. Illi fit-tieni lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati peress li l-konvenut eccipjenti ma rcieva l-ebda kummissjoni li allegatament kienet dovuta lill-attur Paul Caruana a bazi ta' l-iskrittura privata datata 16 ta' Gunju 1997 imsemmija fl-att tac-citazzjoni, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tal-kawza;

4. Illi fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma biss allegazzjonijiet bla bazi u minghajr ebda prova, bbazati biss fuq ftehim vizzjat, rizultat ta' ksur mill-attur Paul Caruana tal-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess kuntratt, u dan ai termini ta' l-Artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc (Kapitolu tlettax (13) tal-Ligijiet ta' Malta), u dwar dan il-konvenut eccipjenti gia inizzja proceduri fl-ismijiet Rudolphe Gaerty vs Paul Caruana (Citazzjoni numru 629/02 JA) nhar il-31 ta' Mejju, 2002;

5. Illi fir-raba' lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici m'ghandhomx jigu milqugha stante il-fatt illi s-socjeta` estera MSI International effettivament tterminat l-licenzja moghtija lill-esponenti nhar l-14 ta' Frar 2000, per Dok. A hawn anness, ghal ragunijiet kompletament dipendenti fuq l-agir

irresponsabbli u xejn professjonali ta' l-attur Paul Caruana, hekk kif inhu attestat mill-President/CEO tas-socjeta` estera MSI International Limited Eric Lindberg, permezz ta' affidavit, kopja ta' liema hi hawn annessa u mmarkata Dok. B, u ghaldaqstant l-attur ma ghandu l-ebda dritt ghall-kummissjonijiet billi l-ebda xoghol kif kontemplat fil-ftehim citat mill-attur ma gie konkjuz mill-14 ta' Frar 2000 il-quddiem.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza preliminari ta' l-20 ta' April, 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Civili lliberat lill-konvenut Gaerty mill-osservanza tal-gudizzju u dana wara li laqghat l-eccezzjoni preliminari tieghu fis-sens li t-talbiet huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148(e) tal-Kap 16. Dik il-Qorti ordnat ukoll li l-ispejjes ta' dik id-decizjoni jkunu ghall-attur, u ddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-17 ta' Ottubru 2005 u dana wara s-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-konvenut Gaerty qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(e) tal-Kap 16. Bazikament isostni li l-ammont mitlub jaqa' taht senserija u li ghalhekk huwa preskritt. Min-naha tieghu l-attur isostni li tali ammont hu dovut ***ex contractu*** u mhux applikabbli l-artikolu 2148(e).

"Ghalhekk il-Qorti sejra l-ewwel nett tezamina c-citazzjoni. Mit-talbiet tal-attur jirrizulta li l-attur talab li l-Qorti:

"tiddikjara lill-konvneuti jew min minnhom responsabbli ghall-hlasijiet ta' dawk il-kummissjonijiet lilu dovuti fuq 'placements' ta' impjiegi maghmula mill-konvneuti jew min minnhom ghall-perjodi fuq indiakti;

"Tillikwida l-ammont totali ta' tali hlasijiet ta' kummissjonijiet hekk dovuti kif fuq premessi, **occorendo** bl-opera' ta' **periti nominandi**, u …."

"Jekk wiehed jistudja l-premessi jara li hemm is-segwenti kliem: il-konvenut kellu jhallas lill-attur rati ta' kummissjoni skond in-natura u l-origini tal-'placements' ….Illi l-attur kien gia' inizzja proceduri quddiem il-Qorti Civili, Prim'Awla halli jithallas il-kummissjonijiet dovuti lilu … Illi

**ai termini** tal-imsemmija skrittura l-obbligu tal-konvenut illi jhallas il-kummissjonijiet lill-attur kellu jittermina nhar is-i6 ta' Settembru, 2002 u ghalhekk il-konvenut kien ghad baqghalu wkoll ihallas il-kummissjonijiet lill-attur mill-24 ta' Frar 1998 sas-16 ta' Settembru 2002;

"Illi ghalhekk certa kummissjonijiet setghu kienu dovuti…U ghal perjodu fuq imsemmi l-attur ma kienx thallas dak li kien dovut lilu bhala kummissjonijiet ai termini …..

"Minn dan johrog car illi l-istess attur kellu f'mohhu li jitlob kummissjonijiet sakemm gie affacjat bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Ukoll jekk wiehed jezamina l-iskrittura jiehu aktar l-impressjoni ta' diversi aspetti ta' ghamara, kera, ecc izda dwar il-parti riferibbli ghall-kawza odjerna din ghandha l-forma ta' kummissjonijiet. Illi minn dak li johrog mill-atti tal-kawza, irrizulta li saret skrittura privata datata 16 ta' Gunju 1997 (a fol 7 sa 12 tal-process) fejn f'din l-iskrittura, il-konvenut Rudolphe Gaerty kien obbligat ihallas lill-attur percentwal tal-kummissjonijiet mill-profitti generali tan-negozju. Irrizulta mill-iskrittura li dawn il-hlasijiet kellhom jibqghu jithallsu sas-16 ta' Settembru 2002 (a fol 11 tal-process). L-attur ipprezenta wkoll ittra ufficjali kontra l-konvneut Gaerty datata 17 ta' Novembru 2003 (a fol 52 tal-process). Min-naha l-ohra, l-attur sostna li l-licenzja giet itterminata mis-socjeta` estera fl-14 ta' Frar 2000 permezz ta' l-ittra esebita a fol 39. U ghalhekk, l-attivita ta' "head – hunting" ma baqghetx issir.

"In-negozju jew attivita` kummercjali mertu ta' din il-kawza hija wahda hekk imsejha ***head hunting***, li fid-dikjarazzjoni ta' l-attur Paul Caruana a fol 3 giet deskritta bhala:

"li tidentifika kandidati potenzjali ghall-impjiegi, inter alia u b'mod partikolari, fis-settur bankarju u finanzjarju, u tirranga ghall-impjieg ta' l-istess fis-swieq internazzjonali",

"Illi ghalhekk li l-elementi li kien hemm kienu [1] l-identifikazzjoni tal-haddiema potenzjali, [2] laqghat bejn il-haddiem prospettiv u min ihaddem, kif ukoll [3] l-irrangar definittiv ghall-impjieg bil-konkluzzjoni ta' kuntratt ta'

impjieg liema elementi jikkostitwixxu l-ingredjenti principali tas-senserija.

“Il-Qorti tirriferi ghad-decizjoni tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Henrietta Falzon vs John Frendo Azzopardi et**, deciza fis-6 ta’ Ottubru 1964 (XLVIII.D, pp.1172) fejn intqal:

“il-ligi specjalment f’materja civili ma tirrikjedi ebda rekwizita specjali biex wiehed ikun jista' jikkwa’ifika ruhu bhala sensal f'operazz’oni ta' bejgh ta' bini, ta' trasferiment enfitewtiku u ta' operazzjonijiet ohra fejn generalment tintercedi l-operat ta’ terza persuna biex l-operazzjoni proprosta u minnu inizjata, isehh definittivament”.

“Ukoll fis-sentenza tat-12 ta’ Dicembru 1919 fl-ismijiet **Francesco Ciantar ed altri vs Carmelo Demarco** (XXIV.B 91919-1920) Part I, pp.244), il-Qorti tal-Appell (Sede Civili) irriteniet illi:

“L-Ord. Civile….non ha inteso limitare il diritto di senseria alle sole operazioni di vendita, poiche` il rapporto di mediatore sia un affare civile che una altra contrattazioe, essendo l-obiettivo della mediazione sempre il medesimo, quello cioe` di far contrattare per ottenere una provvigone se l’affare e` conchiuso, tanto quando l’affare sia di natura civile, o di natura commerciale.”

“Jinghad fil-kawza deciza mill-Prim’Awla tal-Qort Civili fis-sentenza tat-30 ta’ Mejju 2003 fl-ismijiet **Bugibba Real Estate Limited vs Joseph u Anna, konjugi Portelli** li:

“Illi in tema legali jigi osservat li biex jiskatta d-dritt ghas-senserija jridu jikkonkorru tliet elementi principali: (1) il-konkluzjoni tan-negozju prospettat; (2) illi l-intromissjoni tas-sensar tkun giet rikjesta jew almenu accettata miz-zewg kontraenti; u (3) illi l-attivita` tas-sensar tkun wasslet lill-partijiet ghal ***in idem placitum consensus***. …….il-gurisprudenza taghna in materja hija wahda kostanti fis-sens li l-iskop principali ta’ kwalunkwe persuna sabiex takkwista d-dritt ta’ medjazzjoni huwa dak li tlaqqa’ l-kunsensi tal-partijiet interessati fl-operazzjoni wara li jiehu

sehem attiv u intelligenti fil-progettata u proposta konvenzjoni. Ghall-akkwist tas-senserija, is-sensal irid li jara li permezz tieghu hu jlaqqa' l-partijiet interessati fuq dawk l-elementi tal-operazzjoni klassikament imsejha is-sostanzjali u l-accidentali tal-kuntratt."

"Fil-kawza **Louis Fava vs Avv. Philip Attard Montalto et** deciza fis-16 ta' April 2004, il-Qorti kkonfermat illi:

"sabiex persuna tkun intitolata ghas-senserija jrid jirrizulta li:-

a) l-intromissjoni tal-medjatur tkun accettata miz-zewg nahat, anke tacitament; u

b) illi bhala rizultat ta' l-operat tal-medjatur isir il-ftehim bejn il-partijiet.

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eccezzjoni in ezami, jibda biex jinghad li f'kull kaz li tittella eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa mehtieg li flewwel lok jigi determinat minn meta l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tibda titqies. L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 jiddisponi li:

"**Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."**

"Riferibbilment ghal meta jibda jghaddi l-perjodu preskrittiv jinghad li l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet **Guido J. Vella A &.C.E. vs Dr. Emmanuel Cefai LL.D** irriferiet ghal Laurant, Diritto Civile, Volum XXXII. Para. 16 u kkwotat:

"La prescrizione delle azioni personali comincia dall'momento in qui le azioni nascono purche` e' egli in ragione della natura dell'azione che la legge la dichiara estinta; dunque da quando vi e' azione li e' luogo a prescrizione e quando vi e' l'azione? L'azione e` il diritto ezercitato giudizialmente e il creditore puo` agire

giudizialmente dall'momento che l'obbligazione e' nata ….Da cio` il principio che il corso della prescrizione comincia con la nascita della obbligazione."

Din il-Qorti thoss li t-terminu jibda jiddekorri minn meta l-attivita` kummercjali partikolari tigi konkluza u ghalhekk jitwieled l-obbligu ghall-hlas bhala konsegwenza ta' dak l-obbligu (ara wkoll 9 ta' Jannar 1953 fl-ismijiet **Jseph Stivala vs Prof. Joseph Colombo A.&C.E.,** tal-Prim'Awla).

"Fil-kawza li ghadha kif issemmiet ta' **Guido Vella vs Dr. Emanuel Cefai**, il-Qorti ta' l-Appell qalet li hu l-konvneut li jrid jipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex terssaq il-kawza u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq. Fil-kaz in ezami l-attivita` u negozju gew terminati fl-14 ta' Frar 2000 u l-attur interpella lill-konvenut Gaerty b'ittra ufficjali fis-17 ta' Novembru 2003. Taht l-artikolu 2148(e) it-talbiet relattivi ghal senserija huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar u jekk wiehed inaqqas it-tmintax-il xahar mis-17 ta' Novembru 2003 jasal ghad-data tas-17 ta' Mejju 2002. Dan iwassal ghall-fatt li t-talbiet attrici ghall-kummissjonijiet huma preskritti."

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fid-9 ta' Mejju, 2005 interpona appell fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din l-Qorti joghgobha thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza 'in parte' billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvneut appellat Rudolphe Gaerty u dana bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra tieghu.

L-aggravji mressqa mill-attur appellant huma bazikament tnejn u cioe`:-

a) Dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2148(e) tal-Kap 16.
b) Dwar minn meta jibda jiddekorri t-terminu preskrittiv.

Il-konvenut Rudolphe Gaerty pprezenta risposta fejn iddikjara li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita

konferma w ghalhekk talab li l-appell ta’ l-attur jigi michud bl-ispejjes kontra l-appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn din il-Qorti ser tikkonsidra l-aggravju dwar l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar kontemplata fl-Artikolu 2148(e) u dana billi jekk jirrizulta li din l-preskrzzjoni mhux applikabbli ma jkunx mehtieg li jigi ezaminat it-tieni aggravju.

L-Artikolu 2148(e) jiddisponi li l-azzjonijiet ta’ sensala, ghad-dritt ta’ senserija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar. La darba qed tinghata din l-eccezzjoni jehtieg li, qabel xejn, jigi determinat x’inhuma dawk l-elementi li jikkostitwixxu l-istitut tas-senserija u jekk dak li qed jintalab mill-attur jidholx fil-parametri hekk stabbiliti ghax hekk biss ikun jista’ jinghad li l-azzjoni ta’ l-attur hija perenta. Ghalhekk il-kliem uzat fic-citazzjoni ma ghandux jittiehed *ad litteram* izda jrid jigi interpretat fl-ispiritu ta’ dak li in realta` gie miftiehem bejn il-kontendenti, billi hemm biss jista’ jigi rifless il-veru spiritu tal-ftehim bejn il-kontendenti u konsegwentement il-posizzjoni tal-attur.

Kif sewwa irrilevat l-ewwel Qorti sabiex ikun jista’ jinghad li persuna jkollha l-vesti ta’ sensar bil-konsegwenzi kollha li dan igib, senjatament id-dritt tas-senserija u t-telfien ta’ dan id-dritt bil-moghdija taz-zmien, wiehed jrid ikun intrometta ruhu bejn zewg kontraenti fuq talba taghhom, espressa jew tacita; li l-attivita` tat-terz tkun waslet lill-partijiet ghall-akkordju fuq l-oggett u l-prezz u cioe` l-***idem placitum consensus***; u li finalment ikun hemm konkluzzjoni tan-negozju prospettat. Fl-assenza ta’ wahda minn dawn l-elementi ma jistax jinghad li hemm dritt ta’ senserija u konsegwentement il-preskrizzjoni applikabbli fl-eventwalita` ta’ xi drittijiet tal-kreditur ma tkunx dik kontemplata fl-artikolu citat.

L-iskrittura privata li ggib id-data tas-16 ta’ Gunju, 1997 hija l-bazi ta’ l-azzjoni proposta mill-attur. F’din l-iskrittura, li fir-realta` hija ftehim ta’ bejgh ta’ negozju gja gestit mill-attur liema bejgh kien qieghed isir lill-konvenut Rudolphe

Gaerty fil-kapacita` tieghu personali, insibu – Article One – "*The Transferor* (ossia Paul Caruana, l-attur) *is hereby selling and transfering unto and in favour of the Transferee* (il-konvenut Gaerty), *who under the same title, is acquiring and accepting, the general business activity, license and goodwill pertaining to the Business in its entirety;"* (sottolinear ta' din il-Qorti). In-negozju li kien qed jigi trasferit kien dak hekk maghruf bhala "*head hunting activity*" li kien qed jigi gestit "*under the name of S.C.I., under authorisation and license from S.C.I. Limited, the Eurpoean Headquarters of Search Consultants International, hereinafter referred to as **THE BUSINESS**;".*

Fil-hames preambolu tal-ftehim fuq imsemmi, jidher car dak li kellhom f'mohhom il-partijiet u cioe` it-trasferiment ta' "*the entirety of the business activity currently carried out by the Transferor together with the relative goodwill, the leasehold on the Premises and the Moveables;"* Ghalhekk minn dik id-data 'l quddiem l-attur ma kellu xejn aktar x'jaqsam man-negozju ta' "*head hunting*".

Issa huwa minnu li n-negozju ta' *head hunting* gia gestit mill-attur u li, in forza tal-iskrittura privata fuq imsemmija, gie trasferit lill-konvenut Gaerty, ma hu xejn aktar minn negozju ta' sensar inkwantu l-kumpens percepit mid-ditta S.C.I. jirraprezenta kummissjoni ghal dawk il-'placements' li jkunu gew maghula bhala konsegwenza tal-partecipazzjoni ossia intromissjoni attiva tal-istess ditta bejn dak li jkun qed jifittex impjieg u d-datur tax-xoghol.

Huwa minnu wkoll li bhala kunsiderazzjoni tat-trasferiment imsemmi tan-negozju, il-konvenut Gaerty qua *transferee* obbliga ruhhu "*to pay to the transferor such sum, as is equivalent to eighty per cent (80%) of all payments received by S.C.I.(U.K.) made following the successful conclusion of all such placements ……*" (Article Six tal-ftehim). Dan l-arrangament izda ma jaghmilx mill-attur sensar fis-sens li trid il-ligi, billi huwa la jippartecipa fit-trattattivi bejn il-partijiet u lanqas ma ghandu jew kellu xi sehem fl-otteniment tal-***idem placitum consensus*** jew fil-konkluzzjoni tal-kuntratt bejn l-*employer* u l-*employee*. Kull ma kien prospettat f'dan l-arrangjament kien li parti mill-

prezz ta’ trasferiment tan-negozju jithallas mill-kummissjonijiet li kien ser jircievi l-konvenut Gaerty u xejn aktar. Ghalhekk ma tistax tifehem din il-Qorti kif l-ewwel Qorti, wara li ghamlet rassenja dettaljata ta’ gurisprudenza in materja waslet biex sabet li dak li kien qed jigi mitlub f’din il-kawza kellu n-natura ta’ senserija. Dan fil-fatt ma kien xejn akar hlief pagament in parti tal-prezz tal-bejgh tan-negozju. Isegwi li l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut Gaerty mhix applikabbli u ghalhekk ghandha tigi michuda.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda utilita` li tezamina t-tieni aggravju mressaq mill-attur billi la darba ma hijiex applikabbli l-preskrizzjoni eccepita, il-perjodu minn meta tibda tiddekorri din il-preskrizzjoni ma ghandu ebda rilevanza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur Paul Caruana qed jintlaqa` u s-sentenza in parte tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-20 ta’ April, 2005 fil-kawza fl-ismijiet premessi qed tigi revokata, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellat Rudolphe Gaerty;  tordna li l-kawza terga’ tintbaghat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni u determinazzjoni skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------